# Ħ'Attard

## *Xi tifkiriet minn tiegħi*

**minn Normann J. Borg**
**Ex-Segretarju tas-Soċjetà**



Ħ'Attard, ir-raħal żgħir li fih twelidt, trabbejt u s'issa dejjem għext, illum kiber sew u nbidel, hekk kif fih inbidlu wkoll ħafna affarijiet. Il-popolazzjoni ta' Ħ'Attard, meta kont għadni tifel (fis-snin 50) kienet ta' inqas minn 2,000 persuna filwaqt li llum qabżet l-10,000.

Il-popolazzjoni ta' dak iż-żmien kienet kollha kkonċentrata fiċ-ċentru tar-raħal, jiġifieri madwar il-knisja, fi sbatax-il (17) triq u xi dsatax-il (19) sqaq. It-toroq kollha li f'dak iż-żmien iffurmaw ir-raħal kienu: il-Kbira, il-Knisja, il-Belt Valletta, Birkirkara, Sant'Anton, it-Twila (illum Lord Strickland), il-Mitħna, San Duminku, Sant'Anna, il-Mosta, il-Pjazzetta, Santa Marija, San Pawl, in-Nutar Zarb, l-Imdina, Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ; filwaqt li sqaqien residenzjali kien hawn erba fi Triq il-Mosta, tlieta fi Triq Ħal Qormi u fi Triq il-Mitħna, tnejn fi Triq l-Imdina, Triq San Pawl u Triq il-Pjazzetta u wieħed fi Triq il-Knisja, Triq Sant'Anna u Triq San Duminku. Kien hawn ukoll numru żgħir (mhux aktar minn għaxra) ta' rziezet residenzjali 'l barra mir-raħal.

Barra minn dawn it-toroq u sqaqien kienu jeżistu ċertu postijiet madwar ir-raħal li kienu magħrufa b'ismijiet oħra, bħal Ta' Fġieni (illum in-naħa ta' Triq Kananea), taħt ir-raħal (Triq San Pawl), ix-Xarolla (in-naħa ta' Triq iż-Żagħfran), tas-'*Searchlight*' (quddiem in-Nicholsons fejn illum hemm ġnien Pierre Muscat), taħt Sant'Anton (ħdejn il-Corinthia) u xi oħrajn fosthom il-Qsajjem (illum Misraħ Kola).

L-uniku post li kien joffri xi ftit ta' rikrejazzjoni (speċjalment fis-sajf) kien l-Istazzjon fi Triq Sant'Anton. Dan il-ġnien kien totalment differenti minn kif nafuh illum; kien fih ħafna aktar siġar kbar u kien kompletament miftuħ. Kellu veduta sabiħa ħafna li kienet twassal f'il bogħod sew. Għall-irġiel kien hawn żewġ Każini soċjali dak ta' din is-Soċjetà li kien jismu 'Eastern Star' u l-ieħor 'Santa Marija' flimkien ma' ħwienet tax-xorb.

### Skola u Duttrina

Bħala skola Primarja, fi tfuliti kienet tintuża Villa Caruana Gatto ta' Triq il-Belt Valletta, ħdejn l-Għassa tal-Pulizija. Din kienet tikkonsisti f'madwar għaxar klassijiet u ġieli kien hemm żmien li kienu jintużaw xi żewġt kmamar bħala klassijiet fid-Domus (speċi ta' Ċentru Parrokjali) li kien hemm wara l-Kampnar (illum Misraħ Tumas Dingli) u li kien twaqqa fis-snin sittin. Lejn tmiem is-snin ħamsin kienet bdiet tinbena l-iskola Primarja preżenti (Skola Tumas Dingli) li mbagħad bdiet tintuża fis-sena1961.

Attività ferm popolari ta' l-iskola f'dak iż-żmien, kien il-Kunċert tal-Milied li kien jittella kull sena bil-parteċipazzjoni ta' ħafna mit-tfal ta' l-istess skola; min jireċta u min ikanta fil-kor. Kien ikun sforz kollettiv tal-għalliema (li kienu kważi kollha minn Ħ'Attard) li minn żmien sew qabel il-Milied kienu jibdew jippreparaw, minn għal ħaġa u min għal oħra bil-għan dawn il-'*Concerts*' ikunu dejjem suċċess. Niftakar li fost il-mistednin distinti kien regolarment jattendi d-Direttur ta' l-Edukazzjoni u drabi oħra anke l-Gvernatur.

Bħala tagħlim tad-duttrina (M.U.S.E.U.M.) konna nattendu f'żewġ ċentri; dak tas-subien fi Triq il-Kbira u dak tal-bniet niftakru fid-Domus, fi Triq Ħal Qormi u anke fi Triq il-Mitħna.

### Il-Kappillan Dun Mikiel Balzan

Jien twelidt fi żmien dan il-kappillan u tgħammidt mill-mibki Dun Pawl Pace, li aktar tard sar Monsinjur Onorarju tal-Katridal tal-Mdina, fejn skond hu stess jiena kont it-tieni tarbija li ġejt mgħammed minnu wara li kien ħa s-saċerdozju.

Bħala kleru niftakar ukoll lil Dun Ġużepp Dingli, lil Dun Karm Pace (ħu Dun Pawl) li kien għadu kif sar saċerdot u lill-Kjeriku Pawlu Vella. Ma' dawn inżid li kelli idea żgħira ta' ħu l-Kappillan Balzan li kien miet f'ĦAttard f'Diċembru tal-1949.

Fis-snin ħamsin kienu jiġu regolarment jagħtu s-servizz tagħhom fil-parroċċa tagħna, Dun Manwel Schembri minn San Pawl il-Baħar u li fil-gwerra kien għamel xi żmien refuġjat Ħ'Attard, kif ukoll Dun Salv Sammut minn Ħal Lija.

Il-Kappillan Balzan li aktar tard ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral, kien iħobb l-festi b'ċertu

solennità, fosthom Corpus, il-Qalb ta' Ġesù, is-Sultana u naturalment il-festa Titulari dik tal-Patruna tagħna Santa Marija. Huwa kien jistieden għadd ġmielu ta' saċerdoti u patrijiet biex jieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja flimkien ma' l-Orkestra tal-Kappella Carlo Diacono, immexxija minn ibnu Frankie. Mal-Orkestra kien ikollu vuċijiet ta' livell għoli speċjalment dawk solisti. Nhar Corpus niftakar isiru żewġ purċissjonijiet, waħda fil-għodu u l-oħra fil-għaxija u fiż-żewġ purċissjonijiet kienet tingħata l-Barka Sagramentali f'dar fi triq Sant'Anton (fil-wesgħa fejn tmiss ma' Triq B'Kara). Fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù kienu jieħdu sehem l-għaqdiet kollha ta' H'Attard, kemm dawk reliġjużi kif ukoll dawk ċivili, kulħadd wara l-Bandalora jew l-Istendard tal-Għaqda tiegħu. Fil-każ ta' din is-Soċjetà kienu jimxu l-Kumitat u Soċi wara il-Bandalora li kienet inħadmet fl-1956. F'nofs il-Purċissjoni kienet tingħata l-Barka Sagramentali quddiem id-dar tal-familja Pisani fi Triq San Duminku.

Niftakar mhux ħażin il-festi kbar li kienu saru għall-festa ta' Santa Marija fl-1951, meta kienet ġiet iċċelebrata d-Domma ta' l-Assunta. Fost l-aktar affarijiet li bqajt niftakar hemm dik ta' l-istatwa Titulari ta' Santa Marija armata fuq l-Artal Maġġur, proprju fuq it-tabernaklu u taħt il-Mant abjad li kien jintrama fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Fis-snin ħamsin il-festi ta' barra ta' Santa Marija kienu jsiru fuq jumejn jew tlieta biss. Niftakar li fi żmien il-Kappillan Balzan fl-aħħar Tridwu ġieli ġiet iddoqq Banda tat-tfal mill-Istitut ta' San Ġużepp, jew l-Iscouts u ġieli anke l-Banda tal-Pulizija. Meta imbagħad saru l-istatwi tal-Papa Piju XII u xi sena wara dik ta' Malta (li għadhom jintramaw it-tnejn ħdejn il-Knisja), għal xi żmien fl-aħħar tat-Tridwu kienu jsiru xi marċi b'xi waħda minnhom qabel ma tittella fuq il-pedestall tagħha. Fil-Każin ta' din is-Soċjetà, f'dak iż-żmien kienet drawwa li fl-aħħar tat-Tridwu kienu jġubu '*Jazz Band*'.

Għad għandi idea żgħira tat-tberik taċ-Ċimiterju preżenti, hekk imsejjaħ '*Tal-Providenza*' li sar fl-1950. Iżda niftakar sew il-pavimentar tal-Knisja kif nafuħ illum, li kien sar fl-istess perjodu. Niftakar sew waqt li fil-Knisja kien għaddej ix-xogħol, nhar ta' Ħadd lilna t-tfal kienu jeħduna għall-quddies fil-Kappella ta' Sant'Anna jew f'dik ta' San Pawl.

Għadni niftakar sew ukoll fil-bidu tas-snin ħamsin, it-tberik ta' l-ewwel ġebla ta' l-isptar Santa Katerina, illum tinsab id-Dar ta' l-Anzjani u dak iż-żmien jiena kont abbati.

## Xelters u Logħob

Skond ma kienet tgħid ommi, jiena darba waħda biss inżilt (jew niżżluni) fix-xelter, għaliex il-gwerra kienet waslet fi tmiemha hawn Malta. Iżda dan in-nuqqas żgur li pattejtu fis-sena 1956. F'dik il-ħabta kienet qamet il-kwistjoni tal-Kanal tas-Suez u kien hawn biza kbir li setgħet terġa tfaqqa gwerra oħra. Bħala prekawzjoni għal kull eventwalita kienu reġgħu infetħu x-xelters pubbliċi kollha sabiex jitnaddfu u jkunu lesti f'każ ta' emerġenza. Għalina t-tfal din kienet avventura bla ħsieb għaliex ma' kienx hawn xelter wieħed f'H'Attard li ma inżilniex fih.

F'dak iż-żmien f'H'Attard ma' kienx hawn post wieħed addattat fejn it-tfal setgħu b'xi mod jilgħabu, għalhekk il-logħob tagħna kien isir kollu fit-toroq. L-aktar żewġ postijiet iffrekwentati mit-tfal għal kull xorta ta' logħob kienu Triq Ħal Qormi (wara ċ-Ċentru Parrokkjali, li dak iż-żmien konna insibuha bħala d-dar tal-'*Commander')* u fi Triq San Duminku (bejn Triq Sant'Anna u Triq il-Mitħna). Il-logħob tal-ballun kien dejjem l-aktar wieħed popolari mat-tfal subien, iżda konna nilgħabu wkoll xi logħob ieħor, fosthom b'xi 'scooter' jew 'truck' li nagħmlu aħna bl-injam. Konna nilgħabu wkoll biċ-ċrieki (tal-lastiku jew metall, skond x'insibu), bil-boċċi, noli u logħob ieħor.

Meta bdejna nikbru konna ninżlu nilgħabu l-futbol f'għalqa taħt Sant'Anton (quddiem il-Corinthia), li dak iż-żmien kien hemm lukanda żgħira jisimha "Royal Hotel". Aktar tard meta din l-għalqa ittieħdet għal bini, instabet għalqa oħra li ma kienetx tinħadem. Din kienet in-naħa l-oħra tar-raħal fi Triq l-Imdina, quddiem il-mixtla ta' Wied Incita ħdejn iż-żona industrijali (dak iż-żmien magħrufa bħala tal-'Buffs' jew l-R.A.O.C). Wara ftit taż-żmien ippruvajna nirranġaw xi ftit is-sitwazzjoni u biex ma nibqgħux nilgħabu b'żewġ ġebliet bħala lasti, konna ħloqna par lasti ta' l-injam li kienu jiżżarmaw, u faċli jinġarru. Konna bdejna norganizzaw xi kompetizzjoni '*7 a-side*' bejn erba' Timijiet. Ma kienetx ħaġa faċli li f'dak iż-żmien issib 40 żgħażugħ minn H'Attard interessati li jilgħabu l-futbol.

Dawn l-imberkin lasti kienu jintrefgħu fil-Każin tas-Soċjetà tagħna u konna intellgħuhom biss meta nkunu ser nilgħabu xi partita. Il-problema kienet li kien ikun hawn ħafna entużjażmu biex jinġarru l-lasti għal-logħob, iżda wara ħafna kienu dawk li jipprovaw jisgiċċaw baxx baxx. Din l-għalqa baqgħet hekk sakemm beda l-iżviluup ta' Misraħ Kola f'nofs is-snin sittin. Wara bdiet tintuża biċċa għalqa li kien fadal meta nbniet l-ewwel parti ta' l-iskola l-ġdida. Fil-preżent parti minn din l-għalqa qed isservi bħala '*ground*' ta' l-iskola.

## Ħwienet u Servizzi

Minkejja li lejn it-tmiem tas-snin sittin il-

popolazzjoni ta' H'Attard kienet għadha ta' bejn l-2,000 u l-2,500 ruħ, ir-raħal kien igawdi minn għadd ġmielu ta' ħwienet u servizzi oħra. Niftakar li fir-raħal kienu jeżistu dawn il-ħwienet: tal-merċa (6); tax-xorb (5); mastrudaxxi (5); tal-ħaxix (2); parrukiera (2); tal-laħam (2); fran tal-ħobż (2); ħanut tal-ħalib; 'Bazaar'; tal-ġwies, ħajjat, tal-kotba; landier, u żewġ pompi tal-petrol. Ma dawn wieħed irid iżid numru ta' bejjiegħa oħra li kienu jiġu kuljum, fosthom tal-pitrolju (2); tal-ħobż (iżjed minn wieħed); tal-ħaxix; tal-pastizzi; filwaqt li oħrajn kienu jiġu minn żmien għal żmien, bħal ta' l-imluħa; tad-drappijiet; it-Tork (x'aktarx Tuneżin) ibiegħ il-ġwielaq, paljijiet u lakumja; kif ukoll tal-kappar (mara twila u mibruma b'barmil fuq rasha u ieħor f'idejha).

Bħala servizzi niftakar li kull tant żmien kien jiġi landier li kien jarma f'xi kantuniera jsewwi dak kollu li jippreżentawlu, fosthom friskaturi, bramel, ktieli, u affarijiet oħra magħmula mill-landa. Kien jiġi raġel bi ħmara għajjiena li kienet iġorr mola fuq karettun, biex is-sid isinn is-skieken, u imqassijiet. Niftakar ukoll li xi drabi f'il bogħod kien jitfaċċa dak tat-terramaxka, li kienet tkun, miġbuda minn ħmar.

It-tqassim tal-posta kienet issir minn pustier wieħed, f'xemx u xita, bir-rota. Dan kien jiġi minn Birkirkara.

Niftakar ukoll it-tqassim tas-silġ lill-ħwienet tal-laħam u xi djar privati, peress li l-'*fridges/freezers*' kienu għadhom xi ftit 'il bogħod. Għadni nara lis-sorijiet tal-Bon Pastur jiġbru l-ħatab mill-ġonna bil-ħmara. Id-dawl tat-toroq kienu jinxtegħlu u jintfew manwalment kuljum, permezz ta' żewġ '*switches*', wieħed mal-ħajt tas-Sagristija *(in-naħa taċ-Ċentru)*, u l-ieħor mal-ħajt ta' Villa Bologna, faċċata ta' l-Istazzjon. Dan ix-xogħol ta' kuljum kien isir minn ċertu Anġlu, li kien il-ġar tagħna. Fost id-diversi xogħlijiet li dan kien jagħmel kien hemm ukoll l-infietaħ ta' l-Orgni tal-Knisja waqt il-funzjonijiet. Dak iż-żmien, dan l-Orgni antik (1891) ma' kienx jaħdem bl-elettriku bħall-lum, u kien jinħtieġ li l-minfaħ tiegħu jkollu l-arja l-ħin kollu biex ikun jista jdoqq in-noti ħelwin. Dan kien isir billi kienet tiddawwar ir-rota kbira bla waqfien. Din is-sistema ġiet fi tmiemha fis-snin sittin fi żmien il-Kappillan Dalmas.

## Vjatki u Funerali

Peress li fi tfuliti għamilt żmien mhux ħażin inservi ta' abbati, kont midħla sew tas-servizzi reliġjużi, u għadni niftakar tajjeb il-Vjatki u l-Funerali ta' dak inhar.

Meta xi moribond ikun wasal fl-aħħar ta' ħajtu kienet toħroġ purċissjoni żgħira mill-Knisja bl-Istendard aħmar tal-Vjatiku, warajh abbati jdoqq il-qanpiena u abbatini oħra jżommu l-fanali u l-apparat tat-Tqarbin. Is-saċerdot kien ikun akkumpanjat minn erba fratelli li jkunu qed iġorru l-Baldakkin u ieħor bl-Umbrellun biex iwassal lis-Saċerdot minn taħt il-Baldakkin sad-dar tal-moribond. Anke l-qniepen ta' l-agunija kienu jieħdu parti f'din il-Liturġija. Kienu jakkumpanjaw għadd ta' nies mal-Purċissjoni.

Drawwa oħra kienet li meta xi ħadd ikun wasal fi tmiem ta' ħajtu kull tant ħin kienu jindaqqu xi tokki ta' l-agunija. Dan kien sinjal fir-raħal li jindika li xi ħadd wasal fl-aħħar. Fil-Knisja quddiem is-Sagrament kont tara xi saċerdot jitlob privatament għal dik ir-ruħ. Niftakar sew lill-Kjeriku Pawlu Vella jagħmel dan it-talb.

Għall-Funerali ta' dawk li jmutu sew f'xi sptar u sew jekk ikunu ser jindifnu f'xi raħal ieħor, kienu jinġarru minn Karru bil-ħġieġ b'disinn artistiku għall-aħħar miġbud minn żewġt iżwiemel. Is-saċerdot akkumpanjat mill-abbati jirkbu fuq karozzella li tinġibed minn żiemel. Għalina l-abbatini meta d-difna tkun ser issir fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata kienet tkun esperjenza differenti minn dik tas-soltu. Il-vjaġġ saċ-Ċimiterju kien ikun xi ftit twil mhux ħażin u l-qbiż fuq il-bank tal-karozzella kont tibqa tħossu sa wara li tinżel minn fuq il-karozella.

Peress li l-Isptar Monte Carmeli kien jifforma parti mill-Parroċċa ta' H'Attard, kien ikollna diversi funerali li għalihom kienu jintużaw iż-żwiemel peress li d-dfin kien isir barra r-raħal. Mill-istess sptar kien ikollna wkoll funerali, hekk imsejħa "tal-povri"; li kienu jkunu bla qraba u allura kien ikollu jieħu ħsiebhom l-Istat. Dawn kienu jinġarru b'mod sempliċi b'karozza irranġata għal dan l-iskop, ferm differenti minn dawk ta' dan iż-żmien.

## Tagħrif Uffiċjali

It-televiżjoni lokali (MTV) beda jitrasmetti f'Settembru tal-1962 u sa dak iż-żmien, kif ukoll għal xi snin wara, meta l-pubbliku kien ikollu jiġi infurmat b'xi filmat governattiv, niftakar li d-Dipartiment tas-Saħħa u dak tad-Difiża Ċivili kellhom Vann kbir, li fuq wara kien ikollu 'Screen' imdaqqas li minn fuqu kienu jiġu segwiti films edukattivi u ta' importanza kbira speċjalment għaż-żamma ta' l-indafa u s-saħħa pubblika. Peress li l-Gwerra ma kienetx ilha wisq li intemmet, id-Dipartiment tad-Difiża Ċivili kienu jagħmlu demostrazzjoni ta' l-użu tal-maskri u l-prekawzjonijiet bażiċi f'każ li tinqala xi gwerra oħra. Dan it-tip ta' xandir viżiv kien isir kull tant żmien u normalment kien jinżamm fi Triq Ħal Qormi (wara ċ-Ċentru).

Qabel ma beda t-televiżjoni lokali, l-unika

sistema ta' xandir fid-djar kienet dik magħrufa bħala r-*'Rediffusion'*; għaldaqstant ħafna avviżi tal-Gvern kienu jitwasslu regolarment lill-pubbliku permezz ta' din is-sistema. Niftakar sew iżda, li meta dawn l-avviżi kienu jkunu ta' importanza akbar mis-soltu, jew l-aħbarijiet ikunu ta' interess speċjali, dawn kienu jitwasslu lill-popolin billi jintuża *'loudspeaker'* li kien hemm imwaħħal fuq l-Għassa tal-Pulizija, biex żgur kulħadd ikun jista jisma.

Dawn kienu xi wħud mit-tifkiriet tiegħi ta' Ħ'Attard ta' dari, minn tfuliti saż-żgħożija, li jfisser li xi wħud minnhom jeħduna lura sew fiż-żmien, aktar minn nofs seklu 'l bogħod.

## Il-Website tas-Soċjetà

# www.lastellalevantina.com


**Nature Pride**
Your link for a blossiming garden
PET & GARDEN CENTRE
Pitkali Road, Attard *(near Conimex)*
Tel: 2142 0414 • Mob: 7992 6985
Prop. Jesmond Mallia
Mon to Fri: 8.30-13.00 & 16.00 - 19.00
Sat: 8.30 - 13.00

*Fresh Flowers*
*Live Plants*
*Fertilizers • Irrigation*
*Garden Furniture*
*Garden Tools*
*Fountain Pumps*
*Aquarium Products*
*Pet Food*
*& Accessories*

**FRANKLIN**
***GARAGE***
**24 HOURS**
**TAXI SERVICE**



*Fully Airconditioned*

Prop. Frank Gauci

'Mon Chateau'
Triq l-Għenba, Attard BZN 04 - Malta
Tel: (356) 21 436538
Mob: 9947 1863, 9947 6475
Fax: 21 412390

**PREMIER CUT**
PURVEYORS OF FINE MEATS
GAME & POULTRY

Delicious selection of homemade sausages, burgers & kebabs,
Specialising in marinated meats & poultry.
We supply parties, bbq & other functions

For Orders Contact:
Tony Carabott
Mob: 9965 8078
Tel: 21 437 885
Triq Kananea, Attard BZN 04